

Il-Kunsill japprova konklużjonijiet dwar l-evalwazzjoni ta' Orizzont 2020

Il-Kunsill approva konklużjonijiet dwar "l-evalwazzjoni ex post ta' Orizzont 2020 u l-prospetti futuri". Orizzont 2020 kien it-8 programm qafas ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni u kien fis-seħħ bejn l-2014 u l-2020 b'baġit globali ta' €75.6 biljun. Il-konklużjonijiet huma r-reazzjoni tal-istati membri għar-rapport ta' valutazzjoni ex-post li l-Kummissjoni ħarġet aktar kmieni din is-sena. Huma maħsuba li jipprovdu gwida politika fid-dawl tat-tħejija għall-programm qafas futur (PQ10).

Il-konklużjonijiet jikkonfermaw ir-rwol ċentrali tal-programm qafas fl-apoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell tal-UE, xprunat mill-kisba tal-eċċellenza, u jenfassizzaw l-impatt xjentifiku, soċjetali u ekonomiku tiegħu. Huma jindirizzaw is-sinerġiji ma' programmi Ewropej oħrajn u ma' fondi nazzjonali u reġjonali u jappellaw għat-titjib tal-feedback fir-rigward tat-tfassil tal-politika u sabiex ikun hemm allinjament aħjar tal-programm qafas maż-żona Ewropea tar-riċerka. Il-konklużjonijiet jinnutaw ukoll id-differenzi konsiderevoli fir-rati ta' parteċipazzjoni u ta' suċċess bejn il-pajjiżi u jistiednu li jiġi esplorat approċċ aktar effettiv li jappoġġa parteċipazzjoni aktar wiesgħa. Fl-aħħar nett, il-konklużjonijiet jindirizzaw kwistjonijiet ta' implimentazzjoni tal-programm qafas, u l-ħtieġa li l-monitoraġġ ikompli jiġi ottimizzat, inkluż il-valutazzjoni tal-effetti tiegħu fit-tul. Għaldaqstant, dawn il-konklużjonijiet huma pass kruċjali fl-iżvilupp tal-programm qafas li jmiss għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Għalkemm Orizzont 2020 huwa storja ta' suċċess, ma nistgħux inkunu kompjaċenti. Ir-riċerka u l-innovazzjoni ser ikunu kritiċi għall-kompetittività u s-sovranità tagħna fis-snin li ġejjin. Jeħtieġ li nagħmlu l-aħjar użu mit-tagħlimiet meħuda f'Orizzont 2020 biex niżguraw li l-programm qafas li jmiss għar-riċerka u l-iżvilupp ikun saħansitra aktar ambizzjuż, effiċjenti u ta' suċċess.

Willy Borsus, Viċi President ta' Wallonia, Ministru għall-Ekonomija, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, id-Diġitali, l-Agricoltura, l-Ippjanar Urban u l-Ippjanar tat-Territorju

Informazzjoni ġenerali

Il-konklużjonijiet approvati illum huma r-rispons tal-Kunsill għall-evalwazzjoni ex post ta' Orizzont 2020, maħruġa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Jannar 2024. Il-programm iffinanzja kważi 35 000 proġett li kienu jnvolvu 40 000 organizzazzjoni. L-evalwazzjoni tikkonkludi li Orizzont 2020 kien programm li rnexxa f'ħafna oqsma differenti (b'impatt xjentifiku, soċjali u ekonomiku partikolarment għoli), għalkemm tindika xi oqsma fejn jista' jkun hemm titjib, bħat-twessigħ tal-parteċipazzjoni, it-tnaqqis ulterjuri tal-piż amministrattiv u t-tixrid aħjar tar-riżultati tar-riċerka.

L-abbozz ta' konklużjonijiet ser jgħin fit-tħejija għall-10 programm qafas għar-riċerka u l-innovazzjoni 2028-2034.

- [Evalwazzjoni ex post ta' Orizzont 2020 \(rapport tal-Kummissjoni\)](#)

Din ir-riżorsa bħalissa hi disponibbli biss bil-lingwa jew il-lingwi li ġejjin:

- [EN](#)
- [Orizzont Ewropa \(informazzjoni ġenerali\)](#)

